SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 11b/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 23/05/'11 11**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 23/05/'11 13**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, f'12.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Joseph Oliva
Membru Carmel Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Assenti: Il-Membru Karl Consiglio

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda (Addenda)

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-18 ta' Mejju 2011. l-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2011
4. Komunikazzjoni miċ-Chairperson
5. Nuqqas t'attendenza ta' Membri tal-Kumitat
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 10/KA1/11 u 11a/KA1/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Carmel Agius ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Iċ-Chairman issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P179 & 2036 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward stemmi għall-Kumitati Reġjonali u Amministrattivi. |
| P188 | Email mingħand is-Sur David Soler rigward stima għal aktar sorveljanza ġewwa Paceville. |
| P207 | Email mingħand is-Supretendent Stephen Gatt rigward il-permess għall-Malta Fashion Week ġo Paceville. |
| P226 | Email mingħand is- Sur Stephen Ritchie rigward *yellow lines* ġo Paceville Avenue. |
| P245 | Email mingħand iċ-Chairperson Richard Scicluna rigward *Landfill Charges* ġo Portomaso. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P188

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur David Soler rigward stima għal aktar sorveljanza ġewwa Paceville. Ġie deċiż unanimament li ma jintużax is-servizz addizzjonali minn dak li qed jingħata mill-*wardens* iżda li tintbgħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tiżdied is-sorveljanza ġewwa Paceville.

Saret riferenza għall-*cameras* li hemm ġewwa Paceville u ġie deċiż unanimament li s-Sur David Soler u lill-Awtorita' tat-Turizmu jiġu mitluba biex jinfurmaw lill-Kumitat Amministrattiv jekk l-*overspeeding* ġo Paceville jiġix iffilmjat bil-*cameras* minħabba li ta' sikwiet ikun hemm ilmenti dwar dan.

Rif. Nru. P226

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Stephen Ritchie rigward *yellow lines* ġo Paceville Avenue. Il-Kumitat qabel unanimament li:-

- is-Sur Ritchie jiġi nfurmat illi dwar ilment b'konnessjoni ma' kontravvenzjoni għandu jirreferi l-materja tiegħu lill-Petitions Board.

- Kopja ta' din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-Kumitat Konġunt għal kull azzjoni neċessarja.

Rif. Nru. P245

2.04 Saret riferneza għall-email mingħand iċ-Chairman rigward *Landfill Charges* ġo Portomaso. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lis-Sur Mark Caruana fejn jiġi nfurmat li dik l-*area* hija privata iżda jekk r-residenti jridu li jiġu moqdija bħar-residenti l-oħra għandu jsir arranġament minn Portomaso sabiex l-iskart jibda jinħareġ fuq l-bankina fi Triq Vjal Portomaso sa nofs siegħa qabel is-seba' ta' fil-għodu u dan jinġabar mill-kollettur tal-Kunsill.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2011**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tal-korrispondenza inc. 185/11 dwar Finanzjament Kumitat Amministrattiv 2011 u b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2011 (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2011.

3.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

4.01 Iċ-Chairman ma kellu l-ebda komunikazzjoni x'jagħti lill-membri tal-Kumitat.

**5 Nuqqas t'attendenza ta' Membri tal-Kumitat**

5.01 Saret riferenza għall-Kapitolu 363 - ATT DWAR KUNSILLI LOKALI, Taqsima II artiklu 18, li jittratta dwar l-attendenza tal-laqgħat. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat li l-Membru Karl Consiglio naqas milli jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi.

5.02 Wara diskussjoni ċ-Chairman ippropona li:-

- l-Ministru jiġi notifikat li Sur Karl Consiglio naqas milli jattendi ghal-laqgħat erba' darbiet konsekuttivi u dan bla ebda raġuni.
- Il-post tiegħu jiġi ddikjarat vakanti.

5.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għal approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.04 Ġie deċiż unanimament li, sakemm il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni, il-kontijiet li l-Kumitat Amministrattiv jirċievi bejn laqgħa u oħra jsir il-pagament tagħhom qabel jiġu approvati mill-Kumitat. F'dan il-kaz il-pagamenti jitniżlu fuq l-ewwel schedule of payment li tiġi ppreżentata lill-Kumitat. F'kazijiet fejn kontijiet iridu jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager dawn jitħallsu wara li jiġu ċċertifikati.

6.05 Is-Sindku ġie skużat fis-1.05p.m.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 63 sa 82 u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-1.10p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**
30/6/11

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**